**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni Nru. 475/01**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Silvio Valletta)**
**(Sp. Jeffrey Cilia)**

**vs**
**Aiello Santo ta' 41 sena bin Giovanni u Maria nee Pulvirente mwieled f'Catania nhar is-27 ta' Gunju, 1960 u residenti temporanjament f'Malta Joslin Court, Flat 11, Triq J. Quintanus, Qawra alias Natale Ranno ta' 36 sena, imwieled f'Catania, Sqallija nhar is-17 ta' Ottubru, 1964 detentur tal-Karta ta' l-identita' Taljana bin-numru AA9006493.**

**Illum 22 ta' Awissu, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzati Angel Attard u Aiello Santo li gew akkuzzati talli b'diversi atti, wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda u cioe:

(a) talli fil-Marsa nhar l-14 ta' Frar, 2001 ghall-habta tad-9.30 a.m. flimkien ma' persuni ohra mhux maghrufa, ikkommettew serq ta' somma flus ta' aktar minn tletin elf lira Maltin (Lm 30,000) mill-fergha ta' l-HSBC sitwat fi Cross Raod, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur li jaccedi l-elf lira Maltin (LM 1000) u li sar ghad-detriment ta' l-istess bank,
(b) U aktar talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lis-Security Guard tal-

Bank, diversi impjegati tal-istess Bank, diversi impjegati tal-istess Bank u persuni ohra kontra l-volonta' taghhom.

(c) U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi ikkommettew serq ta' arma tan-nar bin-numru serjal 26045 minn fuq il-persuna ta' Jesmond Agius ufficjal numru 305 tal-Forzi Armati ta' Malta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, vjolenza u valur u li sar ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta.

(d) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kienu qed jaghmlu delitt ta' serq, kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.

(e) U aktar talli f'Hal Qormi nhar is-6 ta' Gunju, 2001 ghall-habta ta' l-10.40 a.m. flimkien ma' persuni ohra mhux maghrufa, ikkommettew serq ta' somma flus ta' aktar minn ghaxart elef lira Maltin (Lm 10,000) mill-fergha tal-Bank of Valletta sitwat f'Ta Farzina, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur li jaccedi l-elf lira Maltin (LM 1000) u li sar ghad-detriment ta' l-istess Bank.

(f) U aktar talli, fl-istess data, lok hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil PC 1420 Etienne Tabone, diversi impjegati tal-istess Bank kontra l-volonta' taghhom.

(g) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkommettew serq ta' arma tan-nar bin-numru serjali B 25814 minn fuq il-persuna ta' PC 1420 Etienne Tabone, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, vjolenaza u valur u li sar ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta.

(h) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kienu qed jaghmlu delitt ta' serq, kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.

(i) U aktar talli f'San Giljan nhar il-15 ta' Lulju, 2001 ghall-habta ta' l-10.00 a.m. ikkommettew serq ta' somma flus ta' madwqr hamest elef lira Maltin (Lm5000) mic-Change Mart Exchange Bureau liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz u valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1000) u li sar ghad-detriment tal-propjetarji ta' l-istess exchange bureau.

(j) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cikostanzi, fil-hin li kienu qed jaghmlu delitt ta' serq, kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.

(k) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Angel Grech kontra l-volonta' taghha.

(l) U aktar talli f'Belt Valletta nhar is-17 ta' Awissu, 2001 ghall-habta ta' l-4.30 p.m. ikkommettew serq ta' somma flus ta' aktar minn ghoxrin elf lira Maltin (Lm 20,000) minn Coppini Excahnge Bureau sitwat fi Triq Merkanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz u valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000) u li sar ghad-detriment tal-propjetarji ta' l-istess exchange bureau.

(m) U aktar talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Martin Coppini, Nadesh Cutajar u Godfrey Brincat kontra l-volonta' taghhom.

(n) U aktar talli f'Hal Luqa, fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Frar, 2001 ikkommettew serq ta' vettura t'ghamla Fiat Uno bin-numru ta' registrazzjoni CAC-334, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jaccedi l-elf lira Maltin (LM 1000), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta' Joseph Fiott.

(o) U aktar talli fil-Hamrun, fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Gunju, 2001 ikkommettew serq ta' vettura t'ghamla Fiat Uno bin-numru ta' registrazzjoni EAO-924 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1000), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Adrian Fenech.

(p) U aktar Haz-Zabbar fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Lulju, 2001 ikkommettew serq ta' mutur bin-numru ta' registrazzjoni GAN-346, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm 1,000) bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriemnt ta' Karen Magri,

(q) Akkuzati wkoll talli f'dawn il-gzejjer xjentement laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kullmod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

(a) Angel Attard wahdu akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Awissu, 2001 fil-Kalkara, ikkommetta serq ta' dghajsa liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, hin u xorta tal-haga misurqa u li sar ghad-detriment ta' Lawrence Mifsud.

(b) Akkuzat ukoll talli fis-17 ta’ Awissu, 2001 ghall-habta ta’ l-10.30 p.m. bhala persuna mizmuma jew meqjusa li kienet mizmuma harab mill-kustodja tal-perusni inkarigati mill-kustodju tieghu, u kif ukoll talli m’obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija.

Finalment il-Qorti hija mitluba li fil-konfront ta’ Aiello Santo sive Natale Ranno, fil-kaz ta’ htija, minbarra li taghti l-piena stabbilita mill-ligi tiddikjara li l-imsemmija persuna bhala immigrant ipprojbit u tohrog ordni ta’ tnehhija kontra tieghu skond l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli mibghuta fir-rinviju ta’ l-Avukat Generali fl-1 ta’ Marzu, 2002 li fil-konfront ta’ Aiello Santo jaqraw 18, 261 (a), (b) ( c ) (f) (g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 276, 277, 278, 330, 279(2), 280, 281, 334, 31, 22, 20, 23, u 533 tal-kodici Kriminali; l-artikoli 3(1), 9, 19, 26 u 27 tal-kap 66, l-artikoli 12 u 15 tal-kap 217.

Rat il-kunsens ta’ l-akkuzat Aiello Santo ghal dawn il-proceduri.

Rat l-ammissjoni ta’ l-akkuzat Aiello Santo ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat li din il-Qorti fl-istess seduta laqghet it-talba ghas-separazzjoni ghal gudizzju u ghalhekk din id-decizjoni hija biss fil-konfront ta’ l-akkuzat AIELLO SANTO.

F’dan ir-rigward rat ukoll il-verbal datat 12 ta’ Settembru, 2001, fejn isem l-akkuzat li kien fl-akkuza jaqra Natale Ranno…alias Aiello Santo, intalab li jigi jaqra Aiello Santo sive Natale Ranno. Rat li l- Qorti laqghet din it-talba, rat ukoll li barra li sar id-debita interrogatorju, d-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni milli ttela’ x-xhieda gia prodotta qabel l-imsemmija korrezzjoni. Ghaldaqstant din id-decizjoni qed tinghata kontra Aiello Santo sive Natale Ranno.

Rat l-atti kollha tal-kawza u mir-rizultanzi ma ssib ebda raguni ghala m’ghandhiex taccetta l-ammissjoni registrata mill-akkuzat.

Rat in partikolari l-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzat Santo Aiello a fol 41 Dok JC2 datat 18 ta’ Awwissu, 2001 u dik a fol 44 Dok JC6

datat 19 ta' Awwissu 2001, fejn fl-istadju bikri ta' l-investigazzjoni ammetta l-involviment tieghu fl-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Rat ukoll il-verbal fejn l-akkuzat talab li jghaddi xi informazzjoni lill-Magistrat Sedenti u f'dan ir-rigward gew nominati esperti li assistew ghas-sejbien taz-zewg armi misruqa waqt dawn il-hold ups u cioe dik Webley & Scott bin-numru 25814 u dik Vincenzo Bernardelli bin-numru 26045 (vide relazzjoni tal-perit Valerio Schembri Dok VS ).

Rat ukoll il-pre-sentencing report redatt minn Carmen Borg li fir-rakkomandazzjoni taghha tghid li l-akkuzat ".. ghandu jigi sottomess ghal sanzjoni li tirrifletti l-gravita' tar-reati kommessi kif ukoll il-fatt li l-imputat ghen lill-pulizija". Ikompli l-istess rapport li l-piena idonea ghandha tkun wahda karcerarja.

Ikkonsidrat

Illi din il-Qorti taqbel b'mod assolut illi l-piena idonea ghal din is-sensiela ta' reati ghandha tkun wahda karcerarja. Din il-Qorti pero' ghandha d-dover pezanti li tiddettermina x'inhi dik il-piena gusta tenut kont tas-segwenti fatti;

- l-ammissjoni bikrija (fiz-zewg stqarrijiet) ta' l-akkuzat u l-fatt li hu ghazel li jirregistra l-amissjoni tieghu wara li ntbghatu l-artikoli.
- l-fatt li bl-ammissjoni tieghu fi stadju ta' l-investigazzjoni huwa wassal biex anke jammetti l-akkuzat Angel Attard.
- l-fatt li hu ghen lill-pulizija billi indikalhom fil-mori tal-kawza fejn kienu mistura l-armi misruqa waqt il-hold-ups.

Min-naha l-ohra din il-Qorti trid ukoll tivvaluta l-gravita' tar-reati kommessi mill-akkuzat kif ukoll iz-zmien li hu ghamel f'arrest preventiv. Ghandu ragun l-avukat difensur jissoleva fit-trattazzjoni tieghu l-vantaggi naxxenti minn ammissjoni kif gia gie stabbilit fil-gurisprudenza nostrana. Daqstant iehor ghandu ragun l-Ufficjal Prosekutur li ssoleva li r-res furtiva ma gietx misjuba kollha u dik li nstabet instabet biss ghax inqabdet mill-Pulizija. Lanqas m'ghandu ragun l-avukat difensur meta fit-trattazjoni tieghu talab l-applikabblita' tal-artikolu 71 tal-Att III ta' l-2002 li llum qed jissostitwixi l-artikolu 337 tal-kap 9 kif emendat, alavolja kellu ragun fit-tesi tieghu, li llum anke l-legislatur haseb biex jiffavorixxi lil minn jirregistra ammissjoni, pero' dejjem taht dawk il-kondizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 337 tal-Kodici Kriminali.

Ghaldaqstant, tenut dak kollu premess, tenut ukoll ta' dik li hija l-piena massima ghal dawn ir-reati, l-Qorti thoss wara li rat l-imsemmija artikoli tal-ligi kif ukoll l-artikolu 17 tal-kap 9, wara li kkunsidrat ukoll l-arrest preventiv, li l-piena karcerarja li ghaliha ghandu jigi kkundanat Aiello Santo sive Natale Ranno hija ta' erba' snin.

Tordna wkoll li ai termini tal-kap 66 tal-ligijiet ta' Malta li tigi kkonfiskata l-arma tal-mudell Bruni Model 92 kalibru 9.8mm gia esebita fl-atti ta' din il-kawza.

Ai termini tal-Kap 217 tal-ligijiet ta' Malta qeghda tiddikjara li Aiello Santo bhala immigrant projbit u tohrog kontra tieghu ordni ta' tnehhija minn dawn il-Gzejjer wara li jkun skonta l-piena karcerarja li ghaliha kkundannatu.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.